MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2012

Numru. 982/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Jurgen Vella**
**vs**
**Joseph Borg**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Joseph Borg ta’ 28 sena, bin Carmelo u Josephine nee’ Farrugia, imwieled il-Pieta’ fit-22 ta’ Dicembru 1976 u residenti fil-font numru : Nru 24, Sqaq Brittaniku Nru 3, Hal Tarxien u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 0043777(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

It-28 t’Ottubru, 2005 u matul ix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin f’hinijiet differenti matul il-gurnata u f’postijiet differenti fil-gzejjer Maltin, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-

Ligi u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u dana bi ksur ta' l-art 18 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta :

A) Bla ordni skond il-Ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati nhar it-28 ta' Ottubru 2005 gewwa Savoy li tinsab taht it-Triq tal-Barrani, Tarxien arresta, zamm, issekwestra lil Omissis minn Birzebbugia kontra l-volonta' taghha u geghel lil Omissis taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha, liema delitt huwa aggravat billi l-imsemmija Omissis hi persuna minorenni u dana bi ksur ta' l-artikli 86 u 87 (1) (g) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

B) B'eghmil zieni, ikkorrompa lil Omissis minn Birzebbugia, liema persuna huma taht l-eta', tas-sess oppost u dana bi ksur ta' l-art 203(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

C) Wettaq attentat vjolent ghall-pudur ta' Omissis minn Birzebbugia, u dana bi ksur ta' l-art. 207 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
D) Fis-subway tal-Barrani, Hal Tarxien, offenda l-pudur jew il-morali, b'eghmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost ghall-pubbliku u dana bi ksur ta' l-art. 209 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

E) Uza vjolenza sabiex igieghel lil xi hadd jaghmel, ihalli ssir, jew jonqos milli jaghmel xi haga u dana bi ksur ta' l-art. 251(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F) Fuq il-persuni ta' Omissis ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dana bi ksur tal-art. 339(e) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

G) Fl-istess data, lok u cirkustanzi, filwaqt li kien Triq tal-Barrani gewwa Hal Tarxien, volontarjament ikkawza griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Omissis minn Hal Tarxien, skond kif iccertifikat minn Dr. A. Portelli M.D. (Warrant Mediku Nru. 2180) tac-Centru tas-sahha ta'

Rahal Gdid u dana bi ksur ta’ l-artikolu 221 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet mitluba illi barra li taghti l-piena stabbilita bil-Ligi, tapplika ukoll l-art. 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta’ ta’ dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tal-4 ta’ Mejju 2007 (inserita a fol. 162 tal-atti processwali) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fis-segwenti Artikoli tal-ligi :-

(a) fl-artikoli 18, 86, 87, 203, 207, 209, 251, 339(1)(e), 221, 533 tal-Kodici Kriminali;

Rat li l-imputat waqt l-udjenza tal-10 ta’ Lulju 2008 iddikjara li ma kellhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Saret it-trattazzjoni maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Rat illi waqt l-udjenza tat-22 ta’ Novembru 2005 Dr. Patrick Valentino ghall-imputat gibed l-attenzjoni tal-Qorti ghall-komportament tal-imputat fl-awla u talab illi jinhatar espert psikjatriku sabiex jevalwa l-kapacitajiet mentali tal-imputat fid-dawl tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat illi permezz ta’ digriet tat-22 ta’ Novembru 2005 din il-Qorti kif diversament presjeduta fid-dawl tas-sottomissjoni maghmula mid-Difiza nnominat lil Dr. Joseph Saliba, Dr. Joseph Cassar u Dr. David Cassar sabiex jaghmlu evalwazzjoni psikjatrika tal-imputat u jaraw jekk hux “fit for trial”.

Rat ir-rapport tal-imsemmija tlett esperti psikjatrici (inserit a.fol. 76 sa 83) tal-atti processwali fejn huma kkonkludew is-segwenti:-

***"Kemm mill-informazzjoni u l-istorja li gbarna kif ukoll mill-ezami ta' l-istat mentali nikkonkludu illi l-imputat huwa mentalment inkapacitat u illi din l-inkapacita' hija ta' livell bejn "mild mental retardation" (IQ approx: 50-69; mental age: 8-11 years) u "moderate mental retardation" (IQ approx: 35-49; mental age 6-8 years). Ibati wkoll minn difett fil-pronunzja tad-diskors illi hija wisq probabbli parti mill-istess stampa.***

***Ghaldaqstant, allavolja f'livell superficjali, jaghti stampa illi jaf x'inhu tajjeb, x'inhu hazin u x'inhuma l-konsegwenzi, izda f'livell aktar profond m'ghandux il-fakulta' mentali biex jifhem tajjeb dawn l-affarijiet u lanqas biex jifhem il-portata tal-proceduri li jinsab ghaddej minnhom. Ghaldaqstant, m'huwix "fit to stand trial".***

***Ma tkun ta' l-ebda ghajnuna ghalih, anzi tkun ta' hafna dannu, jekk jinzamm gewwa sptar mentali. Izda tkun ta' hafna ghanuna illi jigi ssorveljat tajjeb fil-komunita' mill-familjari u nies ohra illi jiehdu hsiebu. Tkun ukoll ta' ghajnuna jekk jigi meghjun jattendi xi centru fejn il-gurnata tieghu tigi strutturata u jinghata xi ghajnuna biex ikompli jitghallem jew jinghata xi "occupational therapy" jew "sheltered work"."***

Illi permezz ta' nota tas-16 ta' Ottubru 2012 l-avukat difensur tal-imputat preciza li l-verbal minnu maghmul fit-22 ta' Novembru 2005 fejn intalbet il-hatra ta' esperti medici sabiex jevalwaw is-sitwazzjoni tal-imputat saret biss ghal finijiet ta' piena.

Ikkunsidrat:

Illi l-minuri Omissis xehdet waqt l-udjenza tat-22 ta' Novembru 2005 fejn spjegat li fid-data ndikata fic-charge sheet hija kienet ghaddejja mis-subway f'Santa Lucija u

fit-tarf tas-subway hdejn it-tarag kien hemm l-imputat li malli raha qalilha li mhux ser ihalliha tghaddi qabel tinza' t-top. Hija tghid li bdiet tghajjat u telghat tigri t-tarag u marret ghand in-nanna taghha u l-imputat baqa' fejn kien sakemm sabuh il-Pulizija li marru fuq il-post wara li cemplitilhom in-nanna ta' Omissis.

Il-Qorti thoss li permezz tax-xhieda ta' Omissis l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tal-imputat. Il-Qorti sejra ghalhekk issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti qieset ir-rapport tal-esperti psikjatrici fejn dawn indikaw li l-istess imputat huwa mentalment inkapacitat (moderate retardation) fejn ghandu IQ ta' tifel bejn sitta u tmien snin. Il-Qorti kkunsidrat ukoll li l-esperti psikjatrici enfasizzaw li jekk l-imputat jintbghat f'istituzzjoni mentali dan ikun ta' dannu kbir ghalih u huwa ghandu jkompi jghix fil-komunita' u matul il-gurnata jattendi day centre fejn jinghata occupational therapy u fejn il-gurnata tieghu tigi strutturata. Mill-atti processwali jirrizulta li l-imputat fil-fatt beda' jattendi day care centre ta' dan it-tip kuljum fejn qed jigi sorveljat kontinwament u huwa ghamel progress kbir. Il-Qorti ma jidrilhiex li ghandha tiddisturba dan il-progress u fic-cirkostanzi hija tal-fehma li l-aktar piena idoneja tkun Ordni ta' Probation fejn l-imputat ikompli jigi segwit minn Probation Officer kif kien qed isir fil-mori tal-kawza fejn kien inghata provisional supervision order u fejn sar xoghol siewi hafna mill-Probation Officers li kienu qed isegwu lill-imputat u fejn wahda mill-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation tkun li l-imputat ikompli jattendi d-day care centre li prezentement qed jattendi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu tal-4 ta' Mejju 2007 l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggieh taht Ordni ta' Probation taht il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet u dan ghall-perijodu ta' tlett (3) snin millum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lil hati bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni u tordna li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tinnotifika minnufih kopja ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hati.

Il-Qorti inoltre tordna d-divjiet tal-publikazzjoni ta' isem il-vittma Omissis fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
(Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)

**ORDNI TA' PROBATION**
*(MAGHMUL SKOND L-ARTIKOLU 7 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIGIJIET TA' MALTA)*

**Magistrat: Dr. Audrey Demicoli LL.D.**

**Illum: 19 t'Ottubru, 2012**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Joseph Borg**

Il-Qorti,

Billi b'sentenza moghtija llum fl-ismijiet premessi, **Joseph Borg** gie misjub hati kif imfisser fl-istess sentenza u gie mpoggi taht Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-0rdni ta' *Probation*;

Wara li fissret lill-hati bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni ta' *Probation* (inkluzi l-kondizzjonijiet addizzjonali specifikati hawn taht skond l-Artikolu 7(1) tal-Kap. 446) u illi jekk jonqos li jhares din l-Ordni jew jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu ta' **tliet (3) snin** ikun jista jigi kkundannat ghar-reat li ghalih qieghed tigi maghmula din l-Ordni, u illi l-hati wera li jrid ihares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' *Probation*;

Ghalhekk **tordna** li l-hati **Joseph Borg** li joqghod **Nru 24, Sqaq Brittaniku Nru 3, Hal Tarxien** detentur tal-karta tal-identita' numru **0043777(M)** ikun ghal perjodu ta' **tliet (3) snin** millum taht is-sorveljanza ta' Ufficjal ta' Probation taht dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' probation, il-hati ghandu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficcjal tal-*probation* mahtur lilu.

2. L-Ufficjal tal-*probation* mahtur ghal dan l-iskop ghandhu/a j/tirraporta bil-miktib lil din il-Qorti bil-progress tal-hati kull sitt(6) xhur.

3. Il-hati ghandu javza immedjatament lill-ufficcjal tal-probation b'kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.

4. Li ghandu jzomm ruhu f'kuntatt ma' l-ufficjal tal-Probation skond id- direttivi li jaghtih minn zmien ghall-iehor l-istess Ufficjal tal-Probation; u partikolarment li huwa ghandu, jekk l-Ufficjal tal-Probation ikun hekk irid, jircievi zjarat ta' l-istess Ufficjal tal-Probation.

5. Li l-hati gahndu jibqa' jattendi fuq bazi regolari id-day care centre li qed jattendi prezetnement**.**

**TORDNA** li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficcju tal-*Probation Services* ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

……………………………………
(firmat tal-persuna mqeghda
taht probation)

……………………………………..

D../Registratur

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------